

- tingħata l-ażil b'effett retroattiv mid-data tat-talba, u
- titlob sussegwentement ir-riunifikazzjoni tal-familja?

(¹) Direttiva tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-
3 ta' Novembru 2016 – Lutz GmbH vs Hauptzollamt Hannover**

(Kawża C-556/16)

(2017/C 038/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lutz GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Hannover

Domandi preliminari

- 1) a) In-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (¹), tal-Kummissjoni Ewropea, rigward is-subintestatura 6212 20 00 (ĠU 2015, C 76, p. 1, p. 255), għandhom jiġu interpretati fis-sens li, għal ċinet ta' qlieżet ta' taħt ("panty girdles"), l-elastiċità hija "orizzontali ristretta [ristretta fis-sens orizzontali]" meta l-elastiċità orizzontali tkun inqas minn dik vertikali?
b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1(a):
Abbażi ta' liema kriterji oġġettivi għandu jsir dan il-paragun bejn elastiċità vertikali u elastiċità orizzontali?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda 1(a):
 - a) In-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissjoni Ewropea, rigward is-subintestatura 6212 20 00 (ĠU 2015, C 76, p. 1, p. 255), għandhom jiġu interpretati fis-sens li, għal ċinet ta' qlieżet ta' taħt, l-elastiċità hija "ristretta fis-sens orizzontali" biss meta l-elastiċità orizzontali tkun manifestament inqas minn dik vertikali?
b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 2(a):
Abbażi ta' liema kriterji oġġettivi għandu jsir dan il-paragun bejn elastiċità vertikali u elastiċità orizzontali u skont liema kriterju ta' evalwazzjoni?
- 3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda 2(a):
 - a) In-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissjoni Ewropea, rigward is-subintestatura 6212 20 00, għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-restrizzjoni tal-elastiċità orizzontali għal ċinet ta' qlieżet ta' taħt ma hijiex iddefinita permezz ta' paragun bejn elastiċità vertikali u dik orizzontali, iżda tfisser restrizzjoni assoluta tal-elastiċità orizzontali?
b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 3(a):
Abbażi ta' liema kriterji oġġettivi għandu jiġi eżaminat jekk l-elastiċità ta' ċinet ta' qlieżet ta' taħt fis-sens orizzontali hija ristretta fis-sens imsemmi fil-punt (a) ta' din id-domanda?

(¹) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).